**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

**Illum, it-3 t'Ottubru 2023**

Kaz Nru: 226/15

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Nikolai Sant)

**kontra**

**FRANCESCO SALIBA**

(Detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0004597(M))

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **FRANCESCO SALIBA**, ta' 17 sena iben Antoine u Caroline nee' Mifsud imwieled Ħaż-Żabbar nhar it- 18 ta' Diċembru 1996 u joqgħod No. 48C, Triq Sqaq Britanniku Nru 1, Tarxien u detentur tal-karta tal-identità' Maltija bin-numru**:** 0004597(M), senjtament akkużat talli nhar il-21 ta' Novembru 2014 u fix-xahrejn ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-Gżejjer;

1. Ipproduċa, biegħ jew xort' oħra traffika ir-raża meħuda mill-pjanta Kannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dina r-raża, u dan

bi ksur ta' l-Art 8 (b) tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta kannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dina r-raża, u dan bi ksur ta' 1-Art 8 (b) tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;**
3. Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta **(ecstasy)** mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati.
4. U aktar talli ikkommetta reat waqt li kien taħt ordni ta' ta' probation, mogħtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr. E. Grima LLd nhar il-26 ta' Marzu 2012, liema sentenza saret definitiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat l-Ordnijiet tal-Avukat Ġenerali datati l-10 ta' Settembru 2015, wieħed *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) u l-ieħor *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w il-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta), li permezz tagħhom, ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu[1];

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta u l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigħ mill-ġdid tal-provi gia mismugħa minn din il-Qorti diversament ippreseduta;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-uffiċjal prosekutur fl-udjenzi tas-16 ta' Ġunju 2017[2] u l-24 ta' Ġunju 2019[3], permezz ta' liema ddikjara li l-imputat ghandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta fil-massimu tieghu u ċioe' b'żewġ gradi;

Rat li nhar it-28 ta' April 2021, fuq talba tad-difiza, din il-Qorti diversament ippreseduta assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga a tenur tal-artikolu 8

[1] B'referenza għal fol. 4 u 5 tal-atti proċesswali.
[2] Fol. 6 tal-atti proċesswali.
[3] Fol. 47 tal-atti proċesswali.

tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u rreferiet lill-imputat odjern quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga;

Rat li permezz ta' nota pprezentata fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Novembru 2022, il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti li l-imputat odjern kien temm b'suċċess il-pjan ta' kura mħejji għalih.

Rat u Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

In linea preliminari din il-Qorti, fl-ewwel lok, ser tgħaddi sabiex tanalizza l-piż probatorju li hija għandha tagħti l-istqarrija rrillaxata mil-imputat fl-istadju investigattiv u ċioe' fil-*pre-trial stage.*

L-istqarrija in kwistjoni ġiet irrillaxata mill-qua imputat nhar it-22 ta' Novembru 2014 u dan wara li l-istess Saliba ġie mgħoti d-drittijiet spettanti lilu fil-ligi inkluz id-dritt tal-assistenza legali li dak iz-zmien li ttiehdet l-istqarrija u cioe' fis-sena 2014 kien limitat biss ghal siegha qabel jibda l-interrogatorju. L-imputat użufrixxa minn dan id-dritt tant li jidher li kkonsulta ma' Dr. Noel Camilleri qabel ittieħdet l-istqarrija. Waqt din l-istess stqarrija kien hemm preżenti ukoll missier l-imputat ġaladarba dakinhar huwa kien għadu minuri.

Minkejja dan kollu mill-atti processwali jirrizulta li Saliba fl-ebda ħin ma ġie mgħoti d-dritt tal-assistenza legali waqt l-istqarrija. Minn analizi tal-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm raġunijiet impellenti l-għaliex l-imputat ma ġiex mgħoti d-dritt għall-assistenza legali waqt l-istqarrija tant li fil-fatt gie offrut id-dritt limitat t' assistenza qabel l-istqarrija. Minn qari tal-istess stqarrija jirrizulta li l-imputat f'istanzi inkrimina lilu nnifsu b'referenza ghall-imputazzjonijiet migjuba kontrieh, tant li l-ewwel akkuża, li hija waħda mill-iktar akkużi gravi miġjuba kontrieh, tistrieħ unikament fuq dak mistqarr minn Saliba fl-istqarrija. B'hekk, din il-Qorti, wara li qieset il-principji stabbiliti fl-insenjament mgħoti fil-kaz **Beuze v il-Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, u l-prinċipji stabbiliti f'dawn l-aħħar snin permezz tas-sentenzi mgħotija mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[4], anke fejn

[4] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat

jirrigwardjaw minuri, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiskarta l-istqarrija tal-imputat fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-reita o meno tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Dan bil-għan li tassigura li ma jiġux mittiefsa d-drittijiet kostituzzjonali tal-imputat.

Fid-dawl ta' din il-kunsiderazzjoni u ġaladarba l-ewwel imputazzjoni ta' traffikar ta' raża tal-kannabis kienet tistrieh biss fuq dak mistqarr minn Saliba lill-pulizija waqt l-istqarrija, din il-Qorti ser tkun qed tillibera lill-qua imputat minn din l-ewwel imputazzjoni.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li nhar il-21 ta' Novembru 2014 il-pulizija kienu qed jagħmlu sorveljanza fuq l-imputat odjern partikolarment viċin ir-residenza tiegħu f'48, Triq l-Isqaq Brittaniku, numru 1, Ħal Tarxien, u dan wara li kienu rċevew informazzjoni kunfidenzjali li huwa kien qed jitraffika d-droga.

Għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħaxija l-pulizija raw lill-qua imputat, Francesco Saliba, javviċina r-residenza tiegħu flimkien ma żewġ ħbieb u waqfuhom. Il-pulizija għamlet tfittxija fuq il-persuna ta' dawn it-tlett individwi madanakollu l-uniku persuna li nstab li kellu sustanzi illeċiti fuqu kien il-qua imputat fejn instabu xi traċċi ta' ħaxix suspettat cannabis. Hemmhekk Saliba ġie arrestat u mgħoti d-drittijiet tiegħu skond il-liġi viġenti dak iż-żmien. Il-pulizija għaddiet sabiex tagħmel tfittxija fir-residenza tal-imputat. Hawnhekk l-imputat ikkollabora magħhom u minn jeddu għadda lill-pulizija blokka suspettata raża tal-Cannabis u xi pilloli li kienu fil-kamra tiegħu. Uħud mill-uffiċjali tal-pulizija li għamlu t-tfittxijiet indikaw li huma sabu tlett pilloli[5], PS 518 Degiovanni min-naħa l-oħra jgħid li nstabu ftit pilloli mingħajr ma jgħid kemm.

Illi din is-sustanza ġiet esebita quddiem din il-Qorti bħala Dok. NS3 u analizzata mill-espert xjentifiku Emanuel Sinagra maħtur minn din il-Qorti għal dan l-iskop fuq talba tal-prosekuzzjoni. Mir-rapport tal-espert xjentifiku Emanuel Sinagra jirrizulta li huwa annalizza: (a) borża żgħira tal-plastik kontenenti ħaxix aħdar fl-ammont ta' 0.82g; (b) blokka kannella b'piż ta' 95.5g; u (ċ) borża tal-plastik kontenenti żewġ pilloli bojod[6]. B'hekk in kwantu għall-ammont ta' pilloli ecstasy din il-Qorti ser tqis dak li ġie esebit quddiemha u mgħoddi lix-xjenzat ai fini ta' analizi u ċioe' żewġ pilloli (mhux tlieta hekk kif ingħaddd minn uħud mill-pulizija). Mill-analizi tax-xjenzat jirrizulta s-segwenti:

Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022) u Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022).

[5] Issir referenza għat-testimonjanza mgħotija minn PS1500 Alfred Cutajar u PS1026 Brandon Gauci.

[6] Issir referenza għal fol. 38 tal-atti proċesswali.

*"Illi fuq estratti meħuda mis-sustanzi li hemm fid-dokument 040_18_01 instabu s-segwenti sustanzi:*

*(a) Methylenedioxymethamphetamine (MDMA) f'żewġ pilloli – din is-sustanza hija kkontrollata taħt Taqsima A, tat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta;*

(b) *Tetrahydrocannabinol (THC) fil-blokka kannella li kellha piż 95.5 grammi u purita' ta' ċirka 5%. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-kannabis u hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta*."[7]

Illi fid-dawl tal-provi hawn fuq imsemmija din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-imputat odjern kien fil-pussess xjenti kemm tar-raża tal-cannabis kif ukoll ta' żewġ pilloli ecstasy tant li dawn is-sustanzi nstabu fir-residenza u fil-kamra tas-sodda tal-qua imputat.

In kwantu għall-<u>pussess tal-ecstasy</u>, din il-Qorti tinnota li l-prosekuzzjoni akkużat lill-imputat bil-pussess sempliċi ta' din is-sustanza. Din il-Qorti wara li ħadet kont taċ-ċirkostanzi li nstabu fihom il-pilloli tal-ecstasy u ċioe' li dawn instabu fil-kamra tas-sodda tal-imputat u li l-ammont kien wieħed mininmu ta' żewġ pilloli, hija konvinta sal-grad rikjest mil-liġi li l-pussess taż-żewġ pilloli ecstasy kien wieħed għall-użu esklussiv tal-imputat. B'hekk l-imputat ser jinsab ħati tat-tielet imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu.

Għal dak li jirrigwarda l-<u>pussess tar-raża tal-Cannabis</u>, il-prosekuzzjoni għażlet li takkuża lill-qua imputat bil-pussess aggravat ta' din is-sustanza iġifieri pussess f'tali ċirkostanzi li jindikaw li ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tal-imputat.

Fid-dawl ta' dak stabbilit iktar qabel f'din is-sentenza, ċioe' li l-imputat kien fil-pussess xjenti tar-raża tal-Cannabis tenut kont li din is-sustanza nstabet fil-kamra tal-imputat ġewwa r-residenza tiegħu, dak li jonqos li jiġi determinat huwa jekk dan il-pussess kienx wieħed f'ċirkostanzi li jindikaw li dan ma kienx għall-użu esklussiv ta' Saliba jew xort'oħra.

Fl-ewwel lok u għal kull bon fini din il-Qorti ttenni li qed tiskarta mill-kunsiderazzjonijiet tagħha l-istqarrija rrillaxata mill-qua imputat u dan għar-raġunijiet suesposti.

Fis-sentenza **il-Pulizija vs. Jason Mallia**, deciza fit-2 ta' Settembru 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) irriteniet illi:

*"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata,*

[7] Fol. 40 tal-atti proċesswali.

*mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu ekslussiv tal-hati."*

L-istess *ratio* gie kkonfermat fis-sentenza **il-Pulizija vs Lawrence Fabri** mghotija ukoll mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) nhar is-27 ta' April 2017.

Fir-rigward tal-ammont tad-droga, s-sentenzi mghoti mill-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali dejjem sostnew li dan il-fattur ghandu dejjem jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li fihom id-droga tkun instabet. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet <u>il-</u> **Pulizija vs. Ernest Briffa** nhar is-26 ta' Jannar 2021 fejn intqal:

> *"Dwar l-ammont ta' droga, dan ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li fihom tali droga tkun instabet. Fl-Appell Kriminali* ***Il-Pulizija v. Noel Borg*** *deciz fit-12 ta' Frar 2009 intqal:*
>
> > *'Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri' [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. <u>Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur</u>. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan irrigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]). <u>Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali</u> : "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].) Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fatti specji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox*

*jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002]).'"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Stabbiliti dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali, jingħad li mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta li r-raża tal-Cannabis kienet fil-kamra tal-imputat f'forma ta' blokka sħiħa. Il-piż ta' din il-blokka kien dak ta' 95.5g[8]. Dan l-ammont huwa wieħed kunsiderevoli u ġia waħdu ma huwiex indikattiv ta' użu personali b'mod esklussiv. Din is-sustanza nstabet fil-kamra tal-imputat flimkien ma sustanza illeċita ohra u cioe' l-pilloli ecstasy. Mir-rapport ta' Dr. Holland[9] jirrizulta li fiż-żmien tar-reati odjerni l-imputat kien jikkonsma s-sustanza Cannabis madanakollu ma jirrizultax li huwa kien jikkonsma l-ammonti ferm kunsiderevoli li jiġġustifikaw il-pussess tar-raża tal-cannabis fl-ammont hawn fuq indikat. B'hekk fil-fehma ta' din il-Qorti, l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-liġi l-imputazzjoni ta' pussess aggravat tar-raża tal-Cannabis hekk kif miġjuba fiċ-ċitazzjoni kontra l-imputat.

In kwantu għar-raba' imputazzjoni li tirrigwarda l-ksur ta' ordni ta' probation jingħad li għalkemm il-prosekuzzjoni esebiet is-sentenza relattiva, ma tressqitx prova li tindika li dik is-sentenza hija waħda res judicata. Għaldaqstant, l-imputat ser jiġi illiberat minn din l-imputazzjoni fuq nuqqas ta' provi.

Għal dak li jirrigwarda piena li għandha tiġi erogata din il-Qorti ħadet kont tas-segwenti fatturi:

- Ic-cirkostanzi u n-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat inkluz in-natura u l-ammont ta' droga mertu tal-kaz odjern, fejn il-piż tar-raża tal-cannabis kien dak ta' 95.5g filwaqt li l-ammont tal-pilloli ecstasy kien dak ta' żewġ pilloli. B'hekk għal dak li jirrigwarda l-pilloli ecstasy hija applikabbli l-piena stabbilita a tenur tal-artikolu 4 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u dan bħala l-iktar piena favorevoli għall-imputat skond dak li jistipula l-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali;

[8] Skond dak rrapurtat mill-espert xjentifiku Emanuel Sinagra.

[9] Maħtura mill-Qorti, fuq talba tad-difiza, bil-għan li tiddetermina jekk jissusistux ir-rekwiziti meħtieġa sabiex persuna tkun tista' tibbenefika mill-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

- Fiż-żmien tar-reati li tagħhom l-imputat ser jinsab ħati huwa kien għadu minuri fl-eta' ta' sbatax-il sena. B'hekk il-Qorti ser tapplika ukoll is-subartikolu 37(2) tal-Kodiċi Kriminali fejn ser tnaqqas il-piena bi grad;
- Il-ko-operazzjoni tal-imputat mal-pulizija fl-istadu investigattiv, liema kooperazzjoni ma kinitx relatata biss mat-tfittxija li saret fir-residenza tiegħu iżda li marret oltre u waslet sabiex jitressqu nies oħra l-Qorti. B'hekk il-Qorti ser tieħu kont ukoll tad-dikjarazzjoni tal-uffiċjal prosekutur sabiex l-imputat jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta b'żewġ gradi;
- Il-fatt li din il-Qorti fil-proċeduri odjerni assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga a tenur tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-imputat temm b'suċċess il-pjan ta' kura imfassal għalih mill-Bord ta' Rijabilitazzzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-droga;
- Il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li preċedentament għal każ odjern huwa kellu kundanna relatata ma' reati ta' serq, kif ukoll ix-xhieda tar-reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali a tenur tas-subartikolu 8(6) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kkonfermat li Saliba għad għandu pendenti quddiem il-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali  dan il-każ biss.
- Mir-relazzjoni ta' Dr. Roberta Holland jirrizulta kjarament li fiż-żmien tar-reati odjerni l-qua imputat kien dipendenti fuq is-sustanza cannabis. Fil-fatt mid-djanjosi tiegħu rrizulta li d-diżordni fl-użu kien ta' livell sever. Mill-istess relazzjoni irrizulta ukoll li r-reati odjerni kienu relatati mal-istil ta' ħajja tal-imputat li kienet tinkludi xi fatturi kriminoġeniċi, fattur li iffaċilitaw dan l-istil ta' ħajja u dipendenza fuq id-droga. B'hekk huwa probabli li d-dipendenza attribwiet b'mod sostanzjali għal kummissjoni tar-reati odjerni li tagħhom huwa ser jinsab ħati.
- Ser tqis ukoll ix-xhieda prodotta mid-difiza li turi indubbjament il-progress sostanzjali li l-qua imputat għamel sabiex jegħleb id-dipendenza tiegħu fuq id-droga. Jibda biex jingħad li  Dr. Holland stess fir-relazzjoni tagħha immedjatament tindika li l-impuat kien tejjeb ferm is-sitwazzjoni tiegħu u li minn jeddu għamel passi konkreti u progress konsiderevoli fir-rijabilitazzjoni tiegħu. In oltre mix-xhieda prodotta jidher li l-imputat sab impjieg stabbli u qed juri sens ta' responsabilita' ferm ikbar. Huwa rnexxielu jaqta' kompletament il-vizzju tad-droga u jgħix ħajja stabbli. Jidher li għandu relazzjoni tajbin ferm u stabbli mal-membri tal-familja tiegħu. Huwa jidher li ħa l-opportunita' sabiex jisfrutta l-għajnuna li ngħata bil-Bord tant li temm il-pjan ta' kura mfassal għalih b'suċċess.

B'hekk din il-Qorti hija tal-fehma li minkejja ċ-ċirkostanzi u l-ammont ta' droga suġġetti għal proċeduri odjerni huma gravi tant li normalment iġorru piena

karċerarja effettiva, fil-każ odjern għandu jkun hemm tnaqqis ta' tlett gradi (grad a tenur tal-artikolu 37(2) tal-Kap. 9 u żewġ gradi a tenur tal-artikolu 29 tal-Kap. 101). In oltre fid-dawl ta' dak li jistipula l-artikolu 8(7) tal-Kap. 537 għandha tingħata piena alternattiva għal dik ta' priġunerija effettiva u dan bil-għan li Saliba jkompli għaddej bl-istabbilita' f'diversi aspetti prinċipali ta' ħajtu li huwa ħadem sabiex jakkwista tul dawn l-aħħar snin.

Għal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikoli 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta; r-regolament 5 tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985 (hekk kif sussegwentament emendat) u l-artikolu 4 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tillibera lil Francesco Saliba mill-ewwel (traffikar tar-raża Cannabis) u mill-aħħar imputazzjoni (ksur t'ordni ta' probation) filwaqt li qed issib lill-istess Saliba ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni hekk kif miġjuba kontrieh. Konsegwentament din il-Qorti, b'referenza għall-ħtija fuq it-tieni imputazzjoni, qed tikkundana lil Francesco Saliba għall-piena ta' disa' xhur priġunerija li, b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fi żmien sentejn millum kif ukoll għall-ħlas ta' multa t'elf ewro (Eur. 1,000) li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u ħamsin Ewro (Eur. 150) fix-xahar. F'kaz li l-ħlas ikun ħa jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament għandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanc jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi. In kwantu għat-tielet imputazzjoni, Saliba qed jiġi kkundanat għall-penali ta' mitt Ewro (Eur. 100).

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qegħda tordna lill-ħati Francesco Saliba sabiex iħallas l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 643.99[10] konnessi mal-ħatra ta' l-esperti fil-proċeduri odjerni fi żmien sena millum.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-aħħar net, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema

[10] Eur. 194.51 (relazzjoni tax-xjenzat Godwin Sammut) + Eur. 449.48 (relazzjoni ta' Dr. Holland).

dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem ċar ir-responsabbilita' tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza hawn fuq indikat.

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

Christine Farrugia
**Deputat Reġistratur**